IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.4.2024
COM(2024) 170 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003 dwar it-traċċabbiltà u t-tikkettar ta' organiżmi ġenetikament modifikati u t-traċċabbiltà ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi ġenetikament modifikati

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003 dwar it-traċċabbiltà u t-tikkettar ta' organiżmi ġenetikament modifikati u t-traċċabbiltà ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi ġenetikament modifikati

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament[1] u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-traċċabilità u t-tikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf prodotti minn organiżmi modifikati ġenetikament[2] huma tnejn mid-diversi elementi importanti tal-qafas legali tal-UE għall-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM).

L-objettiv tad-Direttiva 2001/18/KE huwa li jiġu approssimati l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri u li jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent meta jitwettaq ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM għal kwalunkwe skop ieħor għajr it-tqegħid fis-suq fl-UE u meta jitqiegħdu fis-suq OĠM bħala prodotti jew fi prodotti fl-UE.

Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 jipprovdi qafas għat-traċċabbiltà ta' prodotti li jikkonsistu minn jew li fihom OĠM, u ikel u għalf prodotti minn OĠM, bl-għan li jiġi ffaċilitat it-tikkettar akkurat, jiġu mmonitorjati l-effetti fuq l-ambjent u, fejn xieraq, fuq is-saħħa, u l-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa għall-ġestjoni tar-riskju.

2. BAŻI LEGALI

Id-Direttiva 2001/18/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, kif imsemmi fl-Artikolu 29a(2), bil-ħsieb ta' dan li ġej:

- li tistabbilixxi kriterji ta' deroga u rekwiżiti ta' informazzjoni għan-notifika għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' OĠM, kif previst fl-Artikolu 16(2),
- li tistabbilixxi livelli limitu minimi li taħthom prodotti fejn traċċi aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM awtorizzati ma jistgħux jiġu esklużi ma għandhomx għalfejn jiġu ttikkettati bħala OĠM, kif previst fl-Artikolu 21(2),

[1] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE, ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u t-ttikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE, ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

- li tistabbilixxi livelli limitu aktar baxxi minn 0.9 %, li taħthom ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fid-Direttiva ma japplikawx għal traċċi ta' OĠM fi prodotti maħsuba għall-ipproċessar dirett, kif previst fl-Artikolu 21(3),
- li tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar għal OĠM li ma jitqegħdux fis-suq skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva, kif previst fl-Artikolu 26(2),
- li tadatta l-Annessi għall-progress tekniku, kif previst fl-Artikolu 27.

Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att delegat, kif imsemmi fl-Artikolu 9a(2), biex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi u tadatta sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi lill-OĠM, kif previst fl-Artikolu 8.

Skont l-Artikolu 29a(2) tad-Direttiva 2001/18/KE u l-Artikolu 9a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar il-kwistjonijiet elenkati fihom għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019. Dan ir-rapport li jirrigwarda l-eżerċizzju tad-delegi tas-setgħa matul dan il-perjodu ta' ħames snin huwa ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif meħtieġ fiż-żewġ każijiet. Id-delegi tas-setgħa għandhom jiġu estiżi awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGI

3.1. SETGĦAT UŻATI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni użat setgħa waħda, kif deskritt hawn taħt.

- L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2001/18/KE

  L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2001/18/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda ċerti Annessi ta' dik id-Direttiva (it-Taqsimiet C u D tal-Anness II, l-Annessi III sa VI, u t-Taqsima C tal-Anness VII) sabiex tadattahom għall-progress tekniku. Fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/350 li temenda d-Direttiva 2001/18/KE fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-OĠM[3]. Din id-Direttiva emendat l-Annessi II, III, u IV tad-Direttiva 2001/18/KE sabiex tadattahom għall-progress tekniku, b'mod partikolari billi tinkorpora l-elementi essenzjali tal-gwida riveduta tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-pjanti ĠM[4].

3.2. SETGĦAT MHUX UŻATI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

Ċerti setgħat ma ntużawx matul il-perjodu ta' rapportar għar-raġunijiet spjegati hawn taħt.

[3] Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/350 tat-8 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istima tar-riskju ambjentali ta' organiżmi modifikati ġenetikament, ĠU L 67, 9.3.2018, p. 30.

[4] Il-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM, Gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-pjanti ġenetikament modifikati. EFSA Journal 2010;8(11):1879.doi:10.2903/j.efsa.2010.1879. www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

- L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2001/18/KE

  L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2001/18/KE jippermetti lil awtorità kompetenti ta' Stat Membru, jew lill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess, jagħmlu proposta dwar il-kriterji u r-rekwiżiti ta' informazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati għan-notifika għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' OĠM, li tissostitwixxi r-rekwiżiti standard stabbiliti skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva. L-adozzjoni tal-att delegat li jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u r-rekwiżiti ta' informazzjoni, minbarra li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 29a tad-Direttiva, tkun teħtieġ il-konsultazzjoni tal-EFSA u perjodu għall-kummenti għall-pubbliku. L-ebda awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew il-Kummissjoni ma għamlu proposta skont dan l-Artikolu. B'mod partikolari, fil-perjodu ta' rapportar, abbażi tal-għadd limitat ta' notifiki li waslu skont dik id-Direttiva għat-tqegħid fis-suq ta' OĠM bħala prodotti jew fi prodotti, il-Kummissjoni qieset li r-rekwiżiti standard stabbiliti skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva huma xierqa. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma użatx din is-setgħa delegata.

- L-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2001/18/KE

  L-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2001/18/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva billi tistabbilixxi livelli limitu li taħthom prodotti fejn traċċi aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM awtorizzati ma jistgħux jiġu eskluży ma għandhomx għalfejn jiġu ttikkettati bħala OĠM. Il-livelli limitu għandhom jiġu stabbiliti skont il-prodott ikkonċernat. Għall-prodotti maħsuba għall-ipproċessar dirett, għall-ikel u għall-għalf, il-livelli limitu għall-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' materjal ĠM awtorizzat huma diġà stabbiliti bl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2001/18/KE u l-Artikoli 12(2) u 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], rispettivament.

  Il-Kummissjoni għadha ma għamlitx użu minn din is-setgħa delegata. Fil-perjodu ta' rapportar, il-ħidma ffukat fuq l-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tat-'tolleranza żero', applikabbli fin-nuqqas ta' livell limitu, fir-rigward taż-żrieragħ[6].

- L-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2001/18/KE

  Għall-prodotti maħsuba għall-ipproċessar dirett, l-Artikolu 21(3), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2001/18/KE jistabbilixxi livell limitu ta' 0.9 %, li taħtu r-rekwiżiti tat-tikkettar tal-OĠM ma japplikawx għal traċċi aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM awtorizzati. L-Artikolu 21(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2001/18/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva billi tistabbilixxi livelli limitu aktar baxxi għal dawn il-prodotti. Fil-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni qieset il-livell limitu ta' 0.9 % bħala xieraq u effettiv. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

[6] Il-konverġenza tal-ittestjar taż-żerriegħa, approvata waqt il-laqgħa tal-Kumitat Regolatorju tad-Direttiva 2001/18/KE li saret fl-4 ta' Ġunju 2020. https://food.ec.europa.eu/system/files/2020-07/reg-com_2001-18-ec_20200604_result_seed-testing-convergence.pdf

ma għamlitx użu mis-setgħa delegata biex tistabbilixxi livelli limitu aktar baxxi għal dawn il-prodotti.

- L-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2001/18/KE

  L-Artikolu 26 tad-Direttiva 2001/18/KE jikkonċerna t-tikkettar tal-OĠM li għandu jsir disponibbli għal operazzjonijiet li mhumiex meqjusa bħala tqegħid fis-suq, imsemmija fl-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu (li jiġu magħmula disponibbli OĠM għal attivitajiet ta' użu konfinat jew rilaxxi intenzjonati li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tad-Direttiva 2001/18/KE). L-Artikolu 26(1) flimkien mal-Anness IV jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' tikkettar għal dawn l-OĠM. L-Artikolu 26(2) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-Anness IV billi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar għal dawn l-OĠM. Fil-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni qieset ir-rekwiżiti tat-tikkettar fit-taqsimiet rilevanti tal-Anness IV bħala xierqa għal dawn l-OĠM. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma użatx din is-setgħa delegata.

- L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003

  L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi u tadatta sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi lill-OĠM filwaqt li tqis l-iżviluppi fil-fora internazzjonali. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 tal-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament[7] daħal fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2004. Dan l-att ġie adottat abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 fil-verżjoni tiegħu applikabbli sas-26 ta' Lulju 2019. F'konformità mas-setgħa delegata, jista' jiġi rivedut fil-futur biex is-sistema tiġi adattata għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi jekk ikun meħtieġ.

4. GĦELUQ

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa għal estensjoni taċita tad-delegi tas-setgħa fir-rigward tal-kwistjonijiet elenkati fl-Artikolu 29a(2) tad-Direttiva 2001/18/KE u l-Artikolu 9a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2024, f'konformità ma' dawk l-Artikoli. Ir-raġunament għad-delegi tas-setgħat ma nbidilx. Dawn huma importanti biex tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa fil-qafas legali, biex tiġi aġġustata għall-iżviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u oħrajn u għall-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-qafas, u biex il-Kummissjoni tkun tista' taġixxi fl-oqsma fejn ma aġixxietx sa dan il-mument, iżda jista' jkollha bżonn tagħmel dan fil-futur. B'hekk, is-setgħat mogħtija huma importanti biex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2001/18/KE u tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003.

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 29a(2) tad-Direttiva 2001/18/KE u fl-Artikolu 9a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003.

[7] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 tal-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament, ĠU L 10, 16.1.2004, p. 5.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta’ dan ir-rapport.